**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Mehdawi Gamal (KI 48006A)**

**vs**

**Ruldoph Mifsud (KI 38471M)**

**Rikors Guramentat Numru: 100/2016**

Illum 1 ta' April 2019

Il-Bord,

Ra r-rikors guramentat ta' ritrattazzjoni ta' Ruldoph Mifsud li jaqra hekk:

Illi permezz ta ' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Bord fil-kawza fl-ismijiet 'Mehdawi Gamal (KI 48006A) vs Mifsud Rudolph (KI 38471M), rikors numru 100/16 JD u deciza fis-3 ta' Lulju 2017, kopja ta' liema sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata **dokument A**, fil-kontumacja tal-esponenti laqghat it-talbiet attrici fl-interita taghhom u ddikjara u ddecieda 'li l-agir abbusiv tal-konvenut wassal sabiex l-attur kellu jitlaq mill-fond mikri qabel iz-zmien u li minkejja l-interpellazzjonijiet li sarulu, huwa naqas milli jirrifondi lura d-depozitu moghti lilu mill-esponenti' u 'jordna lill-istess konvenut sabiex jhallas lura s-somam ta' elfejn u hames mitt euro (€ 2,500) lir-rikorrent u dan peress li huma dovuti in linea mal-istuplazzjonijiet tal-kuntratt ta' kera ffirmat bejn il-partijiet. Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-intimat' u dana wara fl-imsemmija sentenza l-Onorabbli Bord ddikjara fil-korp tal-istess sentenza u f'pagna 4 tal-istess " *li l-initmat ghalkemm debitatment notifikat baqa' la pprezenta risposta, la deher quddiem dan il-Bord u lanqas prezenta nota ta' osservazzjonijiet dwar il-kaz hekk kif inghata l-opportunita' sabiex jaghmel hekk fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2017.'*

Illi kif johrog mir-referta datata 1 ta' Novembru 2016 mahruga minn Eugenio Mallia, dan ikkonferma li meta hu kien mar biex jipprova jaghmel din in-notifika dan kien

ikkonferma li ma nnotifika lil Rudolph Mifsud 'bkopja ta' Rikors , dokument, digriet u l-avviz tas-smiegh' billi meta fl-01-11-2016 mar fl-indirizz moghti f'St. Paul's Bay 8.30 ma fetah hadd'. Kopja ta' din ir-referta hija hawn annessa u mmarkata Dok. **B.**

Illi inoltre kif johrog bl-izjed mod car miz-zewg riferti li hareg il-Marixxall Saviour Falzon fil-31 ta' Jannar 2017 l-espoennti ma kienx gie notifikat fl-indirizz moghti 'peress li ma fetah hadd'. Sussegwentement l-istss Marixxall fil-15 ta' Frar 2017 ghamel tlett referti ohra fejn f'wahda minnhom jghid illi *Nghid u nizgura li fil-15 -2-2017 at 11am nnotifikat lil Rudolph Mifsud bil-procedura tal-affissjoni fl-indirzz moghti mad-dar San Pawl il-Bahar, b'kopja ta' rikors u digriet u avviz skond l-Art 187(3) tal-Kap 12.* Kopji tar-referti huma hawn annessi **dokument C u D** rispettivament.

Illi minkejja li gie dikjarat hekk, l-esponenti qatt ma sab ebda forma ta' avviz imwahhal la mal-bieb tal-indirizz 20, Splendid, Flat 6, Triq Nikola Ardino, San Pawl il-Bahar, u wisq inqas ma sab l-ebda forma ta' avviz jew dokumenti mwahhlin mal-bieb tal-komun tal-istess blokka. Illi jigi dikjarat ukoll illi f'dak iz-zmien f'dak l-appartament kienet toqghod certu Ylenia Pavan, li lanqas ma sabet ebda forma ta' avviz jew dokumenti annessi mal-imemmija bibien.

Illi dan wassal lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jinkorri fl-izball li ghamel meta fis-sentenza ddikjara illi l-esponenti kien fil-fatt gie nnotifikat bir-'Rikors u Digriet u Avviz' u ghalhekk ghadda biex jiddeciedi l-kawza fil-kontumacja tieghu.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku illi l-esponenti qatt ma' kien notifikat skond il-Ligi u ai termini tal-Artikoli 187 u 188 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bir-rikors guramentat li abbazi tieghu nghatat is-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u ghaldaqstant is-sentenza in kwistjoni ghandha tigi mhassra kollox ai termini tal-Artikoli 811(b), 812 u 818(1)(b) tal-istess Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti ntebah l-ewwel darbda bl-ezistenza tal-kawza fl-ismijiet 'Mehdawi (KI 48006a) vs Mifsud Rudolph (KI 38471M)' meta rciva minghand l-avukat Dr. Grazziella Bezzina ittra legali datata tas-23 ta' Awwissu 2017 u li fiha l-esponenti gie mitlub biex ihallas l-ispejjez u d-drittijiet tal-attur f'dik il-kawza liema ittra qed jigi hawn annessa u mmarkata **Dokument E**.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Tribunal:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti qatt ma gie debitament notifikat, skond il-Ligi, bl-atti tar-rikors guramentat tal-kawza fl-ismijiet imsemmija hawn ezebita u mmarkata **dokument A**.

2. Konsegwentament thassar, tirrevoka u tanulla l-imsemmija sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra Gamal Mehdawi, u bl-ingunzjoni tal-imsemmi Gamal Mehdawi ghas-subizzjoni.

Ra ir-risposta guramentata ta' Gamal Mehdawi tal-15 ta' Novembru 2017 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni proposta mir-rikorrenti f' dawn il-proceduri hija nulla w irrita, stante illi permezz tat-talbiet tieghu, ir-rikorrenti qed jitlob **biss** illi d-decizjoni mghotija minn dan l-Onorabbli Bord, datata 3 ta' Lulju 2017, ghandha tigi mhassra, rrevokata u annullata, minghajr ma saret talba specifika u *ad hoc* li permezz taghha talab ritrattazzjoni tal-azzjoni; illi bid-dovut rispett, it-talbiet, kif impostati ma jwasslux ghal ritrattazzjoni tal-azzjoni, u t-talba sabiex tigi mhassra d-decizjoni li nghatat minn dan l-Onorabbli Bord ma twassalx awtomatikament ghar-ritrattazzjoni tal-azzjoni, fejn ikun mehtieg illi dan l-Onorabbli Bord jittratta u jikkunsidra mill-gdid it-talbiet originali tar-rikorrenti.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepiet, u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, in kwantu n-notifikazzjoni tal-atti giet imwettqa validament u skond il-formalitajiet rikjesti mil-ligi; il-fatt illi l-inkwilin fl-appartament in kwistjoni ma "…*sabet ebda forma ta' avviz jew dokumenti annessi mal-imsemmija bibien*", ma jwassalx awtomatikament ghall-konkluzjoni illi dawn ma gewx imwahhla mar-residenza indikata, u r-rikorrenti ghandu jipprova a sodisfazzjoni ta' dan l-Onorabbli Bord tali dikjarazzjoni, wara li jixhed ukoll l-Ufficjal tal-Qorti li min-naha tieghu ddikjara li wettaq l-inkarigu mghoti lilu. Illi inoltre, jkun opportun illi jigi rilevat illi, kuntrarjment ghal dak dikjarat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu, u cioe' illi ma kienx jaf bil-pretensjonijiet tar-rikorrenti qabel ma rcieva l-ittra legali datata 23 ta' Awissu 2017, illi l-istess intimat kien gie notifikat b' ittra ufficjali qabel ma gew istitwiti l-proceduri gudizzjarji; illi ghalhekk seta' janticipa illi tali pretensjonijiet kienu ser jigu avanzati permezz ta' azzjoni, ladarba ma giex imwettaq il-hlas dovut minnu.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Ra d-digriet ta' dan il-Bord tal-15 ta' Frar 2018[1] li permezz tieghu awtorizza z-zieda tat-tielet talba fir-Rikors promotur, fis-sens li Rudolph Mifsud qed jitlob ukoll dikjarazzjoni li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza **Gamal Mehdawi vs Rudolph Mifsud** (Rik. Nru. 100/16JD) fit-termini tal-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.[2]

Sema' lix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidra:**

Din hija kawza ta' ritrattazzjoni li Rudolph Mifsud (aktar 'l isfel jissejjah 'ir-ritrattand') qed jaghmel kontra Mehdawi Gamal (aktar 'l isfel jissejjah 'ir-ritrattat') fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet **Mehdawi Gamal vs Rudolph Mifsud** (100/16JD) li kienet deciza minn dan il-Bord kif presjedut fit-3 ta' Lulju 2017. F'dik il-kawza[3], ir-ritrattat kien talab li dan il-Bord jiddikjara u jiddeciedi li l-agir abbuziv tal-konvenut ritrattand Rudolph Mifsud kien wasslu biex jitlaq qabel iz-zmien mill-fond mikri lilu bl-indirizz Flat 3, Central Court, Triq George Badger, San Giljan, u li minkejja l-interpellanzi tar-ritrattat, ir-ritrattand Mifsud kien naqas li jirrifondilu d-depozitu mhallas mal-ftehim tal-kiri, u konsegwentement talab lil dan il-Bord jikkundanna lir-ritrattand jirrifondilu s-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500) fit-termini tal-kuntratt ta' kiri ta' bejniethom.

Ir-ritrattand jippretendi li hu ma kienx notifikat b'mod validu bl-atti ta' dik il-kawza, u ghalhekk qed jitlob it-thassir tal-istess sentenza fl-ismijiet **Mehdawi Gamal vs Rudolph Mifsud** (100/16JD) li kienet deciza minn dan il-Bord kif presjedut fit-3 ta' Lulju 2017, u s-smigh mill-gdid tal-istess kawza. Min-naha tieghu, ir-ritrattat jghid li din l-allegazzjoni mhix minnha, kemm ghaliex il-procedura giet segwita ghas-sodisfazzjon tal-Bord, kemm ghaliex ir-ritrattand diga' kien jaf bil-pretensjonijiet tar-ritrattat minn ittra ufficjali li pprecediet il-kawza, u li kienet debitament notifikata lir-ritrattand.

Ir-ritrattand ressaq b'xhud tieghu lil **Ylenia Pavan**, li fil-5 ta' Gunju 2018[4] xehdet li kienet ilha tikri u toqghod fl-appartament 6, fil-blokk 20, Splendid Flats, Triq Nicola Ardino, San Pawl il-Bahar tar-ritrattand Rudolph Mifsud minn Gunju 2016, u li kienet nieqsa biss minn dan l-appartament ghal hamest ijiem f'Awissu meta siefret, u ghal

[1] Fol. 101
[2] B'dan id-digriet giet indirizzata l-ewwel eccezzjoni sollevata mir-ritrattat fir-Risposta tieghu, fol. 17-18
[3] Ara atti allegati ma' din il-kawza
[4] Ara xiehda, fol. 90 sa 95

madwar gimgha fi zmien il-Milied. Hija ddikjarat li qatt ma rceviet posta mill-Qorti indirizzata lir-ritrattand, u qatt ma sabet ebda dokumenti mwahhla mal-bieb.

In kontroezami, hija spjegat li l-appartament huwa accessibbli mill-entratura tal-blokk, li twassal sal-lift, u l-bieb tal-appartament jinsab fit-tielet sular. Qalet ukoll li l-kaxxa tal-ittri tinstab barra l-bieb li hemm fl-entratura tal-blokk, u li ghal xi zmien kienet tigborha billi ddahhal idha fil-kaxxa billi ma kellhiex cavetta.

Ir-ritrattand ressaq ukoll b'xhud tieghu lil **Carmelo Micallef**[5], li qal li ilu jghix fl-istess blokk f'San Pawl il-Bahar, fil-proprjeta' tieghu, xi 15 jew 16-il sena. Huwa spjega li l-blokk ghandu entratura maghluqa b'bieb ghal barra, u mbaghad hemm disa' appartamenti mqassma fuq zewg nahat. Huwa ghandu l-appartament numru 2, li jigi fil-livell terren, fuq garaxx kbir. Qal li bejn Novembru 2016 u Marzu 2017 irrisjeda kontinwament f'dan l-appartament, u li f'dak il-perjodu qatt ma sab xejn imwahhal mal-bieb tal-entratura principali tal-blokk.

In kontroezami, ix-xhud qal li kull appartament ghandu qanpiena ghalih, u li l-blokk m'ghandux amministratur. Ix-xhud ma kienx jaf jghid kemm kien ilu li r-ritrattand ma baqax jghix fil-blokk.

Xehed ukoll ir-ritrattand **Rudolph Mifsud**,[6] li qal li ghandu appartament fil-Qawra, bl-indirizz Splendid Flats, Flat 6, Triq Nikola Ardiona, Qawra. Qal li ghamel zmien jghix fih, kontinwament jew ghal perjodi twal, u mbaghad krieh lil Ylenia Pavan. Qal li meta din kienet tircievi korrispondenza tieghu, kienet taghtihielu. Huwa ddikjara li sar jaf bil-kawza li ghamillu r-ritrattat ghaliex, ghall-habta ta' Awissu jew Settembru 2017, hi rceviet envelopp ohxon u ghaddietulu. Qal li, meta hadu, sab li kienu baghtuhulu l-avukati EMD u li kien tilef kawza minghajr ma deher.

In kontroezami, huwa qal li kien jircievi posta regolarment fl-indirizz ta' San Pawl il-Bahar u kien jigborha mal-kera kull xahar, jew bejn il-kirjiet jekk tavzah li rcieva l-posta qabel. Qal ukoll li, dik il-habta, hu kien qed joqghod ir-Rabat, pero' ma rregistrax tibdil fl-indirizz tieghu u zamm l-istess indirizz tal-Qawra fuq il-karta tal-identita' tieghu. Ir-ritrattand qal ukoll li, fil-blokk tal-Qawra, kien hemm xi zewg appartamenti mikrija, erba' residenzi permanenti u tnejn uzati bhala villegjatura.

Ir-ritrattand ipprezenta kopja tal-iskrittura tal-kiri datata 20 ta' Gunju 2016[7] bejnu u Ylenia Pavan dwar dan l-appartament tieghu fil-Qawra, liema kirja kienet ghal zmien

[5] Ara xiehda, 5.6.2018, fol. 96 sa 101
[6] Ara xiehda, 11.10.2018, fol. 103 sa 109
[7] Dok. RM1, fol. 110 sa 113

sena sal-ahhar ta' Gunju 2017, flimkien ma' ritratti tal-bieb tal-appartament tieghu[8] u tal-bieb tal-entratura tal-blokk[9] li fih hemm dan l-appartament.

Ir-ritrattat Mehdawi Gamal ressaq ukoll b'xhud tieghu lill-**marixxall Saviour Falzon**,[10] li ddikjara li mar aktar minn darba fl-indirizz indikat f'San Pawl il-Bahar, pero' qatt ma fetahlu hadd. Qal li, kif jaghmel is-soltu, cempel qniepen ta' flats ohra bit-tama li jifthulu l-bieb tal-entratura ta' barra u jidhol sal-appartament, pero' f'dan il-kaz certa Frances Scicluna qaltlu li r-ritrattand ma kienx ghadu joqghod hemm, u ghalhekk wahhal il-kopja tal-atti gudizzjarji mal-bieb tal-entratura ta' barra.

**Ikkunsidra wkoll li:**

L-**art. 811(b)** tal-Kap. 12, li fuqu r-ritrattand jibbaza t-talba tieghu ghat-thassir tas-sentenza **Mehdawi Gamal vs Rudolph Mifsud** (100/16JD) li kienet deciza minn dan il-Bord kif presjedut fit-3 ta' Lulju 2017, u ghas-smigh mill-gdid ta' dik il-kawza jipprovdi hekk:

> (b) jekk **ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa**, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, **ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża**

F'dan il-kaz, jirrizulta mill-atti tal-kawza **Mehdawi Gamal vs Rudolph Mifsud** (Rik. Nru. 100/16JD) li r-ritrattand qatt ma deher fis-smigh ta' dik il-kawza.

Dan il-Bord irid ghalhekk jiddetermina jekk hemmx lok ghat-thassir ta' dik is-sentenza, u s-smigh mill-gdid ta' dik il-kawza, minhabba li r-Rikors tar-ritrattat Gamal kontra r-ritrattand Mifsud ma giex notifikat fit-termini tal-ligi lill-istess ritrattand.

M'hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li kienu saru tentattivi biex ir-ritrattand Mifsud jigi notifikat personalment bl-atti ta' dik il-kawza, liema tentattivi pero' fallew, u ghalhekk ir-ritrattat kien awtorizzat jipprocedi ghan-notifika tieghu bil-mezzi eccezzjonali tal-affissjoni u l-publikazzjoni fit-termini tal-**art. 187(3)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemmx kwistjoni ghalhekk dwar il-htiega ta' dan il-mezz eccezzjonali tan-notifika ghaliex, irrizulta *ex admissis* mix-xiehda tar-ritrattand li, <u>fiz-zmien li kellu jigi notifikat bl-</u>

---

[8] Dok. RM2, fol. 114
[9] Dok. RM3, fol. 115
[10] Ara xiehda, 30.10.2018, fol. 116 sa 120

atti ta' dik il-kawza, huwa ma kienx ghadu qed jirrisjedi fl-appartament 6, fil-blokk 20, Splendid Flats, Triq Nicola Ardino, San Pawl il-Bahar, fejn kien maghruf li jirrisjedi, u fejn kien ghadu sa dakinhar dikjarat li jirrisjedi fid-dokument ufficjali tal-identita' tieghu. Ma tressqet ebda prova li r-ritrattat Mehdawi Gamal kien jaf, jew seta' jkun jaf, fejn filfatt qed joqghod ir-ritrattand dak iz-zmien.

L-**art. 187(3)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> (3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, **id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir**, jew **il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf**, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi **titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi** u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil.

Qari akkurat ta' din id-disposizzjoni juri car li dan il-metodu eccezzjonali ghan-notifika ta' att gudizzjarju huwa disponibbli biss meta (i) d-dhul fil-post ta' residenza tal-parti indirizzata ma jkunx jista' jsir; jew (ii) il-post tar-residenza taghha ma jkunx maghruf, bhalma filfatt kien f'dan il-kaz, wara li l-marixxall Saviour Falzon irregistra t-taghrif moghti lilu li r-ritrattand Mifsud ma kienx ghadu qed joqghod f'dan l-appartament fil-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar.

Fejn dan huwa l-kaz, il-legislatur, partikolarment wara l-emendi li dahlu fis-sehh b'effett tar-riforma fil-ligi tal-procedura bl-Att XXIV tal-1995, ried li biex in-notifika b'din il-procedura eccezzjonali tkun valida, ghandhom jirrikorru b'mod tassattiv dawn it-tlett elementi:

(i) titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali; u

(ii) l-iskrittura jew l-att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern;

(iii) l-iskrittura jew l-att jinhargu fil-qosor f'gurnal ta' kuljum.

Fis-sentenza **Three Barrels Limited vs Joan Schembri et**,[11] il-Qorti tal-Appell elenkat dawn it-tlett rekwiziti mehtiega ghall-validita' tan-notifika b'dan il-metodu eccezzjonali u qalet li *'Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv 'u' ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, 'meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf', illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi'*.

F'dan il-kaz, jirrizulta mill-atti tal-kawza **Mehdawi Gamal vs Rudolph Mifsud** (Rik. Nru. 100/16JD) li:

(i) fuq il-kuntratt tal-kiri bejn ir-ritrattand u r-ritrattat, ir-ritrattand kien identifikat bin-numru tal-karta tal-identita' tieghu;

(ii) l-ewwel tentattiv ta' notifika tar-ritrattand bl-atti tal-kawza sar bil-purtier fl-1 ta' Novembru 2016 fit-8.30am fl-indirizz ta' San Pawl il-Bahar, u falla billi ma fetah hadd;

(iii) it-tieni tentattiv ta' notifika tar-ritrattand bl-istess atti sar mill-istess purtier fit-13 ta' Jannar 2017 fil-11am u rega' falla ghax ma fetah hadd;

(iv) it-tielet tentattiv ta' notifika sar mill-istess purtier wara l-hin legali fit-30 ta' Jannar 2017 u rega' falla, ghax ma fetah hadd;

(v) fil-15 ta' Frar 2017 fil-11am, il-marixxall Saviour Falzon wahhal kopja tal-atti mal-fond indikat, u fl-Ghassa ta' San Pawl il-Bahar, u fl-ufficju tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar;

(vi) fil-21 ta' Frar 2017 deher avviz fil-qosor tal-atti in kwistjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

(vii) fis-16 ta' Marzu 2017 deher l-istess avviz fil-gurnal The Malta Independent.

Huwa car mid-dicitura tal-ligi li r-raba' rekwizit tat-twahhil ta' kopja tal-atti fil-post tar-residenza tal-parti intimata mhuwiex assolut, bhat-tlieta l-ohra, imma japplika biss *'meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf'*.[12] F'dan il-kaz, l-ilment tar-

[11] 13.7.2001
[12] Ara **Mario Tonna vs Hollandu Hallet Limited**, Prim'Awla, 27.6.2003

ritrattand huwa li dan ir-raba' rekwizit mhux sodisfatt ghaliex min filfatt kien qed jokkupa l-appartament tieghu, ma sabx kopja tal-atti tal-kawza mwahhla mal-bieb tal-appartament, u lanqas mal-bieb ta' barra tal-blokk fejn il-marixxall irregistra, u kkonferma bil-gurament, li wahhal l-istess kopja.

Wara li qies il-provi kollha mressqa f'din il-kawza, u rega' ra l-atti tal-kawza **Mehdawi Gamal vs Rudolph Mifsud** (Rik. Nru. 100/16JD), il-Bord jinsab moralment konvint fuq bilanc ta' probabiltajiet li l-procedura tan-notifika fit-termini tal-**art. 187(3)** tal-Kap. 12 kienet kompletata, u l-erba' rekwiziti fuq elenkati sodisfatti, billi:

(i) f'dan il-kaz, wara l-intavolar tal-proceduri odjerni rrizulta li l-post ta' residenza tar-ritrattand ma kienx maghruf lir-ritrattat, u ma kellux mod kif isir jafu, u ghalhekk strettament ir-raba' rekwizit ma japplikax;

(ii) ir-ritrattand kien obbligat, fit-termini tal-**art. 19** tal-<u>Att dwar il-Karta tal-Identita' u Dokumenti ohra tal-Identita'</u> (Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta) li, *'minghajr dewmien'*, jirrapporta t-tibdil tal-indirizz tieghu, pero' ghar-ragunijiet tieghu ghazel li ma jaghmilx dan, u zamm it-taghrif tal-appartament f'San Pawl il-Bahar bhala l-indirizz residenzjali tieghu. Infatti l-istess ligi tippreskrivi li tali nuqqas iwassal ghal kommissjoni ta' reat. Dan il-Bord iqis li ghandu jenfasizza l-importanza li kull individwu ghandu jaderixxi ruhu ma' tali obbligu billi mhux lecitu li bniedem, forsi anki bl-intenzjoni li jeludi dmirijiet u/jew obbligi tieghu jibqa' ma jbiddilx id-dettalji tieghu sabiex ma jinstabx daqstant facilment;

(iii) ghall-kompletezza, il-Bord jiddikjara li ma ghandux raguni ghalxhiex ma jemminx ix-xiehda tal-ufficjal tal-Qorti Saviour Falzon li ma kellux mod kif jaccedi sal-bieb tal-appartament numru 6, fil-blokk indikat lilu f'San Pawl il-Bahar, ghaliex il-bieb tal-entratura sabu maghluq, u li ghalhekk wahhal kopja tal-atti mal-istess bieb ta' barra, li jigi l-eqreb entratura accessibbli ghalih fejn seta' jwahhal dan l-avviz. Jekk sussegwentement kien hemm min qala', ha, qatta' jew heba dawn l-atti, b'mod li ma ghaddewx ghand ir-ritrattand, ir-ritrattat ma jistax jinzamm responsabbli, jew jigi mgieghel ibati xi konsegwenza ghal dan.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, dan il-Bord jilqa' t-tieni eccezzjoni tar-ritrattat Mehdawi Gamal u tichad it-talbiet tar-ritrattand Rudolph Mifsud, bl-ispejjez kontra l-istess Rudolph Mifsud.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**